# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 143/91DS**

Cecil Diamantino f'isem Diamantino Mizzi & Co u din bhala Likwidatur tas-socjeta` Appliances General Limited; u b'nota tas-27 ta' Mejju 1993 Guido Mizzi ghan-nom tad-ditta Diamantino, Mizzi & Co bhala likwidaturi tas-socjeta` Appliances General Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Cecil Diamantino; u b'digriet ta' l-20 ta' Frar 1997 isem l-attur inbidel ghal Guido Mizzi f'isem id-ditta Mizzi Doublet Scerri & Co. u dina bhala likwidatur tas-socjeta` Appliances General Limited; u b'digriet tad-29 ta' Dicembru 1998 isem id-ditta attrici likwidatrici nbidel ghal Guido Mizzi f'isem id-ditta MSD & Co. u dina bhala likwidatur tas-socjeta` Appliances General Limited

vs

Adrian Busietta u Fiona Busietta bhala Diretturi ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` Muscat's General Stores Limited

Illum, 16 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Frar 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti nomine huma debituri tal-attur bhala likwidatur tas-socjeta' Appliances General Limited, fis-somma ta' elfejn, mija u seba w disghin lira Maltija u hamsa w sittin centezmu (Lm2,197.65,0) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' household appliances lilhom mibjugha u kkonsenjati kif jirrizulta mill-anness statement markat "Dokument A";

Illi l-konvenuti nomine, ghalkemm interpellati anke ufficjalment biex ihallsu l-bilanc fuq indikat qed jirrifjutaw li jaghmlu dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

talab lil din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn, mija w seba w disghin lira Maltija u hamsa w sittin centezmu (Lm2,197.65,0) bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-1 ta' Settembru 1987, tal-1 ta' Gunju 1988 u tat-3 ta' April 1990, kontra l-konvenuti nomine, minn issa mharrka u ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi s-socjeta' minnhom rappresentata ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-6 ta' Mejju 1991 fejn gie nominat l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dr. Tony DeGaetano biex jigbor il-provi, kif ukoll id-digriet tal-21 ta' Ottubru 1991 fejn gie revokat l-istess inkarigu;

Rat id-digriet l-iehor tal-21 ta' Ottubru 1991 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Gunju 1992 fejn gie revokat *contrario imperio* d-digriet tan-nomina ta' l-imsemmi perit legali;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Bonello bhala perit komputista;

Rat id-digriet tat-18 ta' Mejju 1998 fejn ghall-imsemmi perit gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi;

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 2001 fejn il-perit legali gie ordnat jrritorna l-inkartamenti kollha;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

1. Is-somma reklamata mill-attur nomine fil-kwalita` tieghu ta' likwidatur tas-socjeta` Appliances General Limited jirrapprezenta bilanc ta' somma akbar, prezz ta' *household appliances* mibjugha lis-socjeta` konvenuta, somma li s-socjeta` konvenuta tinnega li ghandha thallas, anzi minn rendikont li ssottomettiet tallega li hallset izjed minn dak li kien dovut. Jinghad li fic-citazzjoni s-somma mitluba hija ta' Lm2197.65 u f'dar-rigward gie esebit rendikont bhala Dok. A (a fol. 4 u 5), izda minn rendikont aggornat (Dok. GM1 u GM2 a fol. 33 u 34) esebit permezz ta' nota tas-27 ta' Mejju 1993 flimkien ma' numru ta' *invoices* u *delivery documents* jidher li l-bilanc huwa ta' Lm1645.45.

2. Is-socjeta` konvenuta pero` qed tikkontesta d-*delivery note* numru 717 (Dok. GM33 a fol. 65) u *invoice* relattiv (Dok. GM32 a fol. 64) ghas-somma ta' Lm1434.99, kif ukoll qed tikkontesta parti mid-*delivery note* numru 695 (Dok. GM31 a fol. 63) u *invoice* relattiv (Dok. GM30 a fol. 62) ghas-somma ta' Lm638.32. Hadrian Busietta xehed (seduta tal-24 ta' Jannar 1994) li l-firem fuq id-*delivery notes* mhumiex firem ta' xi hadd mis-socjeta` konvenuta. Inoltre fl-affidavit tieghu pprezentat fid-9 ta' Dicembru 1992

Adrian Busietta qal li bdew jinkwetaw ruhhom meta bdew jircievu dokumenti minghajr ma kienu rcevew merkanzija ghaliha. Inoltre qal li d-diretturi tas-socjeta` DEAL Ltd u s-socjeta` attrici (sussidjarja tas-socjeta` DEAL) kienu jafu b'dan u qalulu biex joqghod attent ghax kellhom wiehed jew tnejn mis-*salesmen* dizonesti u li kien hemm zewg *bill collectors* li ma kinux izommu l-oggetti u l-flus kif suppost. Zied ighid li eventwalment kienu ghamlulhom ghassa u qabduhom.

3. Is-socjeta` konvenuta pproduciet ukoll lil Richard Borg, li fiz-zmien relattiv kien jahdem bhala *storekeeper* u lil Vincent Vassallo. Richard Borg qal li kien jircievi l-merkanzija u jiffirma ghaliha hu jew xi hadd min-nies li jaf hu. Huwa semma lil Manwel Sammut u Giovanni Cachia. Il-firem fuq id-*delivery notes* numri 695 (Dok. GM31) u 717 (Dok. GM33) huwa ma gharafhomx u stqarr li l-firem tan-nies li jircievu l-merkanzija s-soltu jaghrafhom. Vincent Vassallo wkoll ma gharafx il-firem fuq dawn id-dokumenti.

4. Dwar li xehed Adrian Busietta in konnessjoni ma' xi impjegati dizonesti, jinghad li huwa ma kompliex jissostanzja dak li qal. U ma ppruvax li jekk kien hemm dawn in-nies u nqabdu, dawn kellhom x'jaqsmu ma' xi konsenji li saru lis-socjeta` konvenuta jew xi flejjes imhallsa mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` Appliances General Limited. Aktar minn hekk, mir-rendikont li esebixxa Hadrian Busietta ma' l-affidavit tieghu pprezentat fil-25 ta' Jannar 1994 (a fol. 93 – 96) jirrizulta mil-lista ta' rcevuti (a fol. 96) li fil-5 ta' Mejju 1987 is-socjeta` konvenuta hallset is-somma ta' Lm638.32 filwaqt li fid-19 ta' Mejju 1987 hallset is-somma ta' Lm1434.99. Dawn il-figuri huma ekwivalenti ghall-*invoices* numri 696 (Dok. GM30) u 718 (Dok. GM32), cioe` l-*invoices* kontestati. Kieku kellha xi dubju s-socjeta` konvenuta dwar jekk kenitx irceviet l-merkanzija li ghaliha kienu jirreferu dawk l-*invoices*,

il-Qorti ma temminx li kienet thallashom *in full*, aktar u aktar jekk kienet tezisti sitwazzjoni ta' xi impjegati allegatament dizonesti (u mhux impjegati tas-socjeta` konvenuta).

5. Fl-affidavit tieghu tal-25 ta' Jannar 1994 Hadrian Busietta enfasizza li n-negozju mas-socjeta` Appliances General Limited kien isir purament *on a cash basis* u li din is-socjeta` tant kienet insistenti fuq dan li s-socjeta` konvenuta kienet irrangat facilita` specjali mal-Mid-Med Bank Limited "sabiex ix-xiri minghandhom jista' jinxtara cash ghaliex dawn kienu jirrifjutaw li jaghtu kreditu". Minn ezami tar-rendikonti esibiti jidher fil-fatt li l-pagamenti ghall-merkanzija kienu jsiru fil-gurnata tal-konsenja jew ftit zmien wara. Fil-kaz ta' l-*invoices* kontestati, l-*invoice* 696 ghal Lm638.32 huwa datat 29 ta' April 1987 u thallas fil-5 ta' Mejju 1987 filwaqt li l-*invoice* 718 huwa datat 15 ta' April 1987 (ghalkemm jidher li dan huwa zball u d-data trid taqra 14 ta' Mejju 1987 bhad-*delivery note*) u thallas fid-19 ta' Mejju 1987. Jigifieri seta' jigi verifikat *a tempo vergine* l-korrettezza ta' l-*invoices* u jekk il-konsenji kinux effettivament saru.

6. Dwar il-firem li x-xhieda qalu li ma jaghrfux, in kwantu d-*delivery note* 695 (Dok. GM31) il-Qorti tara kontradittorju li minn banda ma taghrafx il-firma fuq dan id-dokument izda mbaghad taccetta li thallas parti. Kif inghad fil-paragrafu numru erbgha (4) hawn fuq dan fil-fatt thallas *in toto*. In kwantu d-*delivery note* 717 (Dok. GM33), dan ukoll kif gie ndikat thallas *in toto*. Inoltre l-Qorti tosserva li ghalkemm Hadrian Busietta jirreferi ghal Richard Borg, Vincent Vassallo u certu Mallia, filwaqt li Richard Borg jirreferi ghal Manwel Sammut u Giovanni Cachia, mid-*delivery notes* esebiti jirrizulta li kien hemm nies ohrajn li kienu jaccettaw il-konsenji (per ezempju xi hadd Cassar u xi hadd Azzopardi). Jigifieri dawk imsemmijin mix-xhieda ma kinux l-unici.

7. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici timmerita li tigi milqugha fl-ammont ta’ Lm1645.45.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tilqa’ t-talba attrici billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ridotta ta’ Lm1645.45 bl-imghax kif mitlub. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur